ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 8 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 29 ta' Lulju 2013 fis- 6.30pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Keith Fenech |
| | Is-Sinjura Miriam Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. *Tenders* tal-Perit
5. *Cameras* mir-Regjun;
6. *No Parking Zone* fil-Pjazza;
7. Devoluzzjoni *Shelter* fil-pjazza;
8. Devoluzzjoni fil-Bypass;
9. *Phases PPP*;

10. Bust ħdejn Brownrigg;

11. *Covers* tal-arbli;

ĦAL GĦAXAQ

12. *Barriers* Triq San Filippu;

13. *Green Wardens*;

14. Tindif *area* faċċata tal-MUSEUM Bniet;

15. *Dustbins* madwar il-lokalita';

16. Skola ġdida;

17. *Parking area* fi Triq il-Bwar;

18. Manutenzjoni Ġnien 2000;

19. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

---

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

**1. <u>Minuti</u>**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 7 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki dwar l-eżattezza tagħhom, huwa ppropona li jkunu adottati.

Issekondat il-Kunsillier Schembri u l-Kunsill qabel unanimament.

**2. <u>Tagħrif mill-Minuti</u>**;

a. Dwar item 3.5, *Transport Malta* għadhom ma rċevewx il-*Compliance Report* minħabba li l-Perit tal-Kunsill Marvin Ellul qal li *Transport Malta* ma jafx eżatt xi jridu. Is-Sindku qal li l-Perit Ellul se jiċċertifika Triq it-Tumbarellu u Triq San Gorg.

b. Dwar item 3.17, il-Kunsill applika għal l-iskema Miżura 413.A6 biex isir attivita' tal-Karnival.
Dwar din l-applikazzjoni s-Sinjura Agius oġġezzjonat għal programm għax qalet li waqt il-laqgħa preċedenti kien ġie deċiż li din il-materja tiġi diskussa. Qalet ukoll li qabel ma sar il-programm kellha tissejjaħ laqgħa tal-Kunsill.



Is-Segretarju qalet li hi kienet bil-*leave* meta sar il-programm u lanqas ma' kienet taf x'fih iżda wara li ntbagħat hi rċeviet kopja.

Is-Sur Fenech spjega li ma kienx hemm żmien x'wieħed jitlef biex jibgħat il-programm minħabba li kien baqa' biss jumejn biex jintbagħat lil tal-GAL għaldaqstant dan il-programm kellu jintbagħat malajr.

Is-Sur Fenech wara li għamel spjegazzjoni ta' din il-Miżura kompla biex jgħid li sat-12, ta' Awwissu, 2013, ikunu jridu jintbagħatu aktar dettalji dwar il-programm, dan li ntbagħat kien biss preliminarju.

c. Dwar item 3.21, il-Kunsill wera l-interess dwar il-programm tal-*Youth in Action* u rċieva risposta li se jagħtu aktar tagħrif fi żmien qarib.

**3. <u>Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

1. Mid-Dipartiment Memo 18 dwar Kompetizzjoni għall-Kunsill Lokali – *Car Free Day 2013*. Qed jitolbu l-aħjar sett t'attivitajiet marbuta ma' din l-inizjattiva. Wieħed irid japplika sal-15, ta' Awwissu, 2013.
Id-Dipartiment jirrakomanda li l-Perit eżistenti jkompli jieħu ħsieb il-proġetti eżistenti u jara li dawn jiġu konklużi mall-aktar fis possibbli, filwaqt li l-proġetti l-ġodda jingħataw lill-Perit il-ġdid.

2. Minn *Transport Malta* dwar spazji ta' parkeġġ għal muturi fi Triq il-Gistakor.

3. Mill-*Malta Federation of Organisations Persons with Disability* fejn qed jitolbu l-Kunsill Lokali jieħdu sehem *f'Access City Award*. Din hija *award* li tingħata lil dawk li jkunu għamlu proġetti għal nies b'diżabilita'.

4. Mingħand iż-Żgħażagħ tal-Azzjoni Kattolika nfurmawna li qed jistiednu żgħażagħ għal 72 siegħa ta' volontarjat. Bħala proġetti jsibulhom huma.

5. *Għaxaq FC Youth Nursery* bagħatu stedina għall-Kunsilliera għal *Presentation Night* li ser issir nhar l-Erbgħa, 31 ta' Lulju, 2013. Xtaqu wkoll li l-Kunsill jippreżenta żewġ *trophies* waqt din is-serata lill-

kompetituri.  Il-Kunsill qabel li jinxtraw u jippreżentaw dawn iż-żewġ *trophies*.

6. Mingħand l-Għaqda Mużikali Santa Marija, l-Kunsill irċieva stedina għall-Programm Vokali u Strumentali li ser isir nhar il-Ħadd, 11 ta' Awwissu, 2013.

ĦAL GĦAXAQ

7. Mingħand GAL Xlokk infurmawna dwar il-*Branding Billboards*.

8. Irċevejna l-Aġenda u l-Minuti tal-Laqgħa tar-Reġjun li saret nhar l-Erbgħa, 24 ta' Lulju, 2013.

9. Irċevejna ir-Rapporti tal-*Playgrounds* mingħand l-*iStandards Authority*.

**F'dan li stadju s-Sindku qal li xtaq jinforma l-Kunsill li l-garaxx tal-Kunsill ġie sgassat u nsterqu x'affarijiet. Qal ukoll li hu għamel rapport lill-pulizija u qed jieħdu l-passi neċessarji. Il-Pulizija u tal-forensika ġew biex jagħmlu r-rapport.**

**4. *Tenders* tal-Perit**

Dwar it-*tenders* tal-Perit saret diskussjoni dwar kif se jerġa' joħrog it-*tender* aktar il-quddiem u s-Sindku ppropona li t-*tenders* li l-Kunsill irċieva jaqgħu w jingħataw il-flus lura li tħallsu minn dawk li bagħatu t-*tenders*.  Il-Kunsill qabel.

**5. *Cameras* mir-Reġjun**

Is-Sindku qal li l-*Camera* tal-Bypass tlestiet mir-Reġjun u talab lill-Kunsillieri biex jekk huma jafu b'xi żoni partikolari fejn isir x'abbuż jgħaddu s-suġġerimenti tagħhom.
Is-Sindku ssuġġerixxa 4 postijiet fejn għandom jitpoġġew il-*Cameras*, dawn huma ħdejn l-iskips ta' Triq Giomari Farrugia, Triq it-Tumbarellu, Triq Dun Gużepp Demicoli w Triq il-Bwar. Il-Kunsill qabel.

**6. *No Parking Zone* fil-Pjazza**

Is-Sindku qal li wasal iż-żmien biex fil-Ħdud u fil-festi pubbliċi l-pjazza tar-raħal titħalla vojta mill-karozzi u ma jsirx *parking*.  Qal ukoll li karozzi xorta jkunu jistgħu jgħaddu.

Il-Viċi Sindku qal li hu ma jaqbilx ma' din il-proposta li jitneħħa l-*parking* mill-pjazza. Kull ma' hemm bżonn isir hu li l-*parking* isir kif suppost. Is-Sur Vasssallo qal ukoll li wieħed irid iqis li fil-pjazza hemm il-ħwienet u dawn żgur mhux se jieħdu pjaċir b'din il-proposta.

Wara diskussjoni sar qbil li din tiġi diskussa mar-residenti tal-madwar, mas-sidien tal-ħwienet u mal-Każini dwar jekk tingħalaqx għat-traffiku jew jitneħħa l-*parking* għal ġranet speċifiċi.

ĦAL GĦAXAQ

**7. <u>Devoluzzjoni *shelter* fil-Bypass</u>**

Is-Sindku qal li xtaq li l-Kunsill jieħu devoluzzjoni ta' *shelter* li hemm fil-Bypass iżda, il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li flok tal-pjazza, l-aħjar s-Sindku jmur jar ix-*shelter* li jinsab quddiem il-kappella ta' San Filippu għax jinsab fi stat aħjar. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**8. <u>*Devoluzzjoni* fil-Bypass</u>**

Is-Sindku qal li l-aħjar il-Kunsill japplika għad-devoluzzjoni ta' dik il-biċċa art li hemm ħdejn Ġnien il-Kunsill kif ukoll għal *airspace* ta' fuq il-ħwienet u ta' tlett *parking bays* li jinsabu fil-ġenb tal-ħwienet.

Is-Sindku kompla jgħid li jekk il-Kunsill ma jkollux devoluzzjoni tal-art imsemmija w toħroġ l-applikazzjoni tal-MEUSAC għal fondi l-Kunsill ma jkunx jistgħa japplika. Il-Kunsill qabel.

**9. <u>*Phases PPP*</u>**

Is-Sindku qal li t-Triq li jmiss li ssir hija Triq Santa Marija u wara jsiru Triq Giomari Farrugia, Triq il-Gistakor u Triq il-Milwa. Il-Kunsill qabel.

**10. <u>Bust ħdejn Brownrigg</u>**

Is-Sindku staqsa dwar il-Bust li se jsir fi Triq it-Tumbarellu ta' min se jkun minħabba li l-Kunsill irċieva konferma t'applikazzjoni mingħand il-MEPA. Il-Viċi Sinku qal li l-Bust se jkun ta' Żaru l-Għannej u l-applikazzjoni trid issir mill-Kunsill għalkemm il-Bust ikun se jsir minn persuna oħra.

**11. <u>*Covers* ta' L-arbli</u>**

Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li l-Kunsill jagħmel *covers* fit-toqob tal-festi għax dawn ikunu perikolużi meta jitħallew miftuħin.

Il-Viċi Sindku qal li qabel hu kien jagħmel kisja *cement* u dejjem jagħmel l-istess sena wara l-oħra.

Il-Kunsillier Fenech qal li l-ewwel ħaġa li trid isir hi li nkunu nafu kemm hemm toqob u wara naraw kemm tkun l-ispiża.

ĦAL GĦAXAQ

Is-Sinjura Agius qalet li l-każini għandom jibdew jintalbu jħallu depożitu biex jużaw it-toqob tal-festi u wara l-festa jekk ikun hemm minnhom ma jkunux bil-*covers*, il-prezz tal-*covers* jitnaqqas mid-depożitu.

Il-Kunsill qabel li l-ewwel jinġieb l-ammont ta' kemm iridu jsiru *covers* biex jinġiebu kwotazzjonijiet.

## 12. ***Barriers*** **Triq San Filippu**

Is-Sindku qal li residenti li joqogħdu Triq Gius. M. Demicoli qed jilmentaw li trakkijiet kbar u karozzi tal-Arriva meta jgħaddu għal din it-Triq fil-kantuniera jitilgħu fuq il-bankina, għaldaqstant jixtiequ li l-Kunsill jagħmel *crash barriers*.

Il-Kunsill qabel li tintbagħat talba lill-*Transport Malta* dwar dawn il-*barriers*.

## *13. Green Wardens*

Is-Sindku qal li jeħtieġ li l-Kunsill japplika għal sagħtejn kuljum biex jiġu l-*Green Wardens*. Dawn se jkunu jduru mar-raħal kollu minħabba li qed jinħareġ ħafna skart barra mhux fil-ħin li suppost. Dawn se jissorveljaw in-nies li joħorġu l-klieb iħammġu barra kif ukoll dawk li jitfgħu karti u sigaretti barra.

Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 14. **Tindif *area* faċċata tal-MUSEUM Bniet**

Is-Sindku qal li dik il-biċċa ġnien żgħira li tinsab faċċata tal-MUSEUM tal-bniet se tiġi mnaddfa minn nies tal-IPSL iżda l-ispejjeż tal-materjal jitħallas mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

## 15. ***Dustbins*** **madwar il-Lokalita**

Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jitpoġġew *bins* madwar il-lokalita'. Il-Viċi Sindku qal li sar ħafna vandaliżmu fil-*bins* li kien hawn diġa u trid tara ukoll jekk ir-residenti fejn tkun se twaħħal il-*bins* jaċċettawx. Qal ukoll li l-Kunsill għandu javviċina il-*Greenpak* biex jisponsorjaw dawn il-*bins*.

Il-Kunsill qabel.



**16. Skola ġdida f'Ħal Għaxaq**

Dwar din l-iskola s-Sindku qal li ser issir laqgħa aktar il-quddiem ma uffiċċjali tal-MEPA dwar il-pjan lokali. Talab lil-kunsilliera biex jekk ikollhom xi ħaġa x'jiddiskutu iġibu il-punti magħhom meta issir din il-laqgħa.

**17. *Parking area* fi Triq il-Bwar**

Is-Sindku qal li jixtieq jitlob l-*Housing Authority* sabiex biċċa art li hemm Triq il-Bwar issir *parking area* jew titħalla kif inhi u jsir tip ta *hedging* mad-dawra biex klieb u qtates ma jidħlux iħammġu fiha.  Il-Kunsill qabel.

**18. Manutenzjoni Ġnien 2000**

Is-Sindku qal li l-manutenzjoni ta' Ġnien 2000 se tibda issir minn nies tal-IPSL.

**19. Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

a. Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma uffiċċjali tal-IPSL li ġew jaraw x'hemm bżonn isir fir-raħal biex dawn ikunu jistgħu jibagħatu ħaddiema biex jittranġaw l-affarijiet.

   Qal ukoll li hemm bżonn issir ġiebja biex jiċċirkola l-ilma.

   Il-Viċi Sindku qal li l-aħjar issir toqba fejn il-funtana li hemm kif tkun se tidħol Triq il-Gudja.

   Is-Sinjura Agius qalet li l-aħjar isir programm ta xogħolijiet li jridu jsiru bħat-Turretta, il-funtana etc.

   Il-Kunsill qabel.

b. Is-Sindku qal li kellha issir il-laqgħa ta' qabel il-festi mal-pulizija u mal-każini iżda l-pulizija ma jistgħux jattendu.
   Il-Viċi Sindku qal li fil-ftehim hemm klawsola li laqgħa trid issir 15 qabel il-festa. Qal ukoll li l-aħjar tinbagħat ittira reġistrata lill-


15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

Kummissarju tal-Pulizija fejn tinformah b'dak li qed jiġri u nibgħatulhu kopja tal-ftehim, iżda l-laqgħa isir xorta waħda.

c. Il-Kunsillier Fenech qal li sat-12, ta' Awwissu, 2013, trid tinbagħat risposta lil tal-GAL Xlokk u jekk il-Kunsillieri għandhom x'idea x'jista' jsir aktar fil-programm li l-Kunsill bi ħsiebhu jwettaq jgħadduhom lis-Sur Fenech.

ĦAL GĦAXAQ

d. Is-Sindku qal li wasal iz-żmien li l-Kunsill jaħtar konsulent għal fondi ewropew. Dan il-konsulent kull ma' jieħu hu persentaġġ tal-flus li jkun akkwista l-Kunsill mill-fondi.

   Sar qbil li toħroġ *Expression of Interest* minħabba li hawn ħafna minn joffri din it-tip ta' konsulenza.

   Is-Sinjura Schembri qalet li min tkun din il-persuna tkun tista' tgħin il-Kunsill fl-applikazzjonijiet għax tkun taf x'għandha tagħmel u jekk il-Kunsill ma jagħmilx hekk ma jkunx jista' jikkompeti.

   Il-Kunsill qabel.

e. Is-Sindku qal li Wilson Mifsud ma jridx ipoġġi *skip* minflok dik li inħarqet għax in-nies qalulhu li jekk ipoġġi oħra jerġgħu jaħarquha.
   Il-Kunsill qabel li għaldaqstant is-Sur Mifsud jitħallas ta' *skip* anqas.

**<u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fid-9.30pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn, 5 ta' Awwissu, 2013, fis-2.00pm.

Darren Abela
**Sindku**

Therese Xuereb
**Segretarju Eżekuttiv**

**<u>Ikkonfermati:  it-Tnejn 5 ta' Awwissu 2013 fis-2.00pm</u>**